C/2025/1153

17.2.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11819 — AUDI / QATAR HOLDING / SAUBER HOLDING)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/1153)

1. Fis-7 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— AUDI Aktiengesellschaft ("Audi", il-Ġermanja), proprjetà sħiħa u kkontrollata biss minn Volkwagen Aktiengesellschaft ("Grupp VW", il-Ġermanja), u

— Qatar Holding LLC ("QH", il-Qatar), sussidjarja proprjetà sħiħa tal-Awtorità tal-Investiment tal-Qatar ("QIA", il-Qatar).

AUDI u QH se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Sauber Holding AG ("SHO", l-Iżvizzera).

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Audi: id-disinn, il-manifattura, il-provvista u d-distribuzzjoni ta' karozzi u spare parts għall-karozzi,

— QH: QH hija proprjetà ta' QIA. QIA huwa fond ta' investiment sovran. Jinvesti f'firxa wiesgħa ta' klassijiet ta' assi u reġjuni madwar id-dinja biex tibni portafoll ta' investiment globali u diversifikat.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża SHO huma dawn li ġejjin: SHO primarjament timmaniġġja u topera t-tim tat-tlielaq tal-Formula One Stake F1 Team Kick Sauber. Il-kamp ta' applikazzjoni ewlieni tal-attività tagħha jinkludi (i) kompetizzjoni fil-Formula Wieħed tal-FIA (imsejħa wkoll: F1) Kampjonat Dinji bħala kostruttur u żviluppatur ta' karozzi tat-tlielaq tal-F1, u (ii) promozzjoni tal-marka tat-tim tat-tlielaq.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11819 – AUDI / QATAR HOLDING / SAUBER HOLDING

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË